Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PEDRO CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fid-19 ta’ Frar 2013[1]

**Kawża C-426/11**

**Mark Alemo-Herron**
**Sandra Tipping**
**Christopher Anderson**
**Stacey Aris**
**Audrey Beckford**
**Lee Bennett**
**Delroy Carby**
**Vishnu Chetty**
**Deborah Cimitan**
**Victoria Clifton**
**Claudette Cummings**
**David Curtis**
**Stephen Flin**
**Patience Ijelekhai**
**Rosemarie Lee**
**Roxanne Lee**
**Vivian Ling**
**Michelle Nicholas**
**Lansdail Nugent**
**Anne O’Connor**
**Shirley Page**
**Alan Peel**
**Mathew Pennington**
**Laura Steward**
**vs**
**Parkwood Leisure Ltd**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (ir-Renju Unit)]

“Trasferiment ta’ impriżi — Żamma tad-drittijiet tal-impjegati — Direttiva 2001/23 — Artikolu 3(3) — Ftehim kollettiv applikabbli għall-persuna li tagħmel it-trasferiment u għall-impjegat fil-mument tat-trasferiment — Klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi preżenti u futuri — Portata tas-sentenza Werhof tal-Qorti tal-Ġustizzja — Dritt fundamentali ta’ assoċjazzjoni fid-dimensjoni negattiva tiegħu — Libertà tal-impriża — Artikoli 12 u16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea”

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

1. Permezz ta' din id-domanda preliminari, is-Supreme Court tar-Renju Unit tagħmel tliet domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji [2]. Din il-qorti tistaqsi jekk id-Direttiva 2001/23 tipprojbixxix, tippermettix jew timponix li l-Istati Membri jaċċettaw it-trasferiment tal-imsemmija "klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi". Dawn il-klawżoli, li ġew miftiehma bejn l-impjegati u l-persuna li timpjega li tagħmel it-trasferiment qabel it-trasferiment ta' impiża, għandhom bħala effett li jobbligaw lill-impriża li liha jsir it-trasferiment li tissuġġetta ruħha għall-kundizzjonijiet miftehima fi ftehim kollettivi futuri, inkluż meta din il-persuna li timpjega ma tkunx tista' tipparteċipa fin-negozjati tal-imsemmi ftehim.

2. Tradizzjonalment, id-dritt tar-Renju Unit dejjem ta marġni wiesa' ta' manuvra lill-atturi soċjali, fejn ippermetta li matul it-trasferiment ta' impriża jiġu ttrasferiti wkoll il-klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi. B'dan il-mod, il-persuna li timpjega li lilha jsir it-trasferiment tibqa' suġġetta, apparentement mingħajr ebda limitu ta' żmien, għal ftehim li ma ppparteċipatx fin-negozjati tagħhom, iżda wkoll għal dawk li ma tistax tipparteċipa fin-negozjar tagħhom. Fis-sentenza fil-kawża Werhof [3], mogħtija fil-kuntest speċifiku tad-dritt industrijali Ġermaniż, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet li d-Direttiva 2001/23 timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu, f'każ ta' trasferiment ta' impriża, li jiggarantixxu t-trasferiment ta' klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi. Din id-deċiżjoni ħolqot reazzjonijiet opposti fil-qrati tar-Renju Unit, fejn uħud jikkunsidraw li din is-sentenza tipprekludi t-trasferiment ta' kawlunkwe klawżola ta' riferiment dinamika, filwaqt li oħrajn iqisu li din is-sentenza tirreferi għal każ partikolari ħafna, fl-ordinament ġuridiku Ġermaniż, li jillimita l-portata ta' dawn il-klawżoli. Is-Supreme Court tar-Renju Unit għamlet din id-domanda preliminari bil-għan li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddelimita l-portata tal-imsemmi Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23, fid-dawl tal-interpretazzjoni li ngħatatlu fil-kawża Werhof.

## I – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni*

3. Id-Direttiva 2001/23, strument li jissostitwixxi d-Direttiva 77/187/KEE [4], jistabbilixi fl-Artikolu 3 tiegħu taħt il-Kapitolu II dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati, dan li ġej:

"Artikolu 3

1. Id-drittijiet u l-obbliġi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, wara d-data tat-trasferiment, min jagħmel it-trasferiment u min lilu jsir it-trasferiment għandhom ikunu impenjati konġuntement u separatament għar-rigward ta' obbliġi li kienu kkawżati qabel id-data ta' trasferiment minn kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment.

2 — Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98).

3 — Sentenza tad-9 ta' Mejju 2006 (C-499/04, Ġabra p. I-2397).

4 — Direttiva tal-Kunsill 77/187/KE, tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar iż-żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema f'każ ta' trasferimenti ta' impriżi, ta' stabbilimenti jew ta' partijiet ta' stabbilimenti (ĠU L 61, p. 26).

2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri approprjati biex jiżguraw li min jagħmel it-trasferiment jinnotifika lil min lilu jsir it-trasferiment bid-drittijiet u l-obbliġi kollha li jkunu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment skond dan l-Artikolu, sa fejn dawk id-drittijiet u l-obbligi huma jew għandhom ikunu magħrufa minn min jagħmel it-trasferiment fil-ħin tat-trasferiment. Nuqqas minn min jagħmel it-trasferiment li jinnotifika lil min lilu jsir it-trasferiment b'xi dritt jew obbligazzjoni ta' din ix-xorta m' għandux jaffettwa t-trasferiment ta' dak id-dritt jew obbligazzjoni u d-drittijiet ta' xi impjegati kontra min lilu jsir it-trasferiment u/jew min jagħmel it-trasferiment għar-rigward ta' dak id-dritt jew l-obbligu.

3. Wara t-trasferiment, min lilu jsir it-trasferiment għandu jkompli josserva t-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma f'kull ftehim kollettiv skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għal min jagħmel it-trasferiment taħt dak il-ftehim, sad-data li fiha l-ftehim kollettiv jispiċċa jew jiskadi jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv ieħor.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu għall-osservazzjoni ta' dawn it-termini u kundizzjonijiet bil-kundizzjoni li dan ma jkunx anqas minn sena waħda.

4.

a) Sakemm l-Istati Membri ma jipprovdux xort' oħra, il-paragrafi 1 u 3 m' għandhomx japplikaw inkonnessjoni mad-drittijiet ta' l-impjegati għall-benefiċċji tax-xjuħija, l-invalidità jew tas-superstiti taħt skemi ta' pensjoni supplementari tal-kumpaniji jew ta' bejn il-kumpaniji barra l-iskemi statutorji tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri.

b) Ukoll meta ma jipprovdux skond is-subparagrafu (a) li l-paragrafi 1 u 3 japplikaw inkonnessjoni ma' dawn id-drittijiet, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' l-impjegati u ta' persuni li ma jkunux għadhom impjegati fin-negozju ta' min jagħmel it-trasferiment fil-ħin tat-trasferiment għar-rigward tad-drittijiet li jtuhom intitolament immedjat jew prospettiv għal benefiċċji tax-xjuħija, inklużi l-benefiċċji tas-superstiti, taħt skemi supplimentari msemmija fis-subparagrafu (a)."

4. Fl-Artikolu 8 tagħha, id-Direttiva 2001/23 tikkunsidra klawżola ta' armonizzazzjoni minima kif ġej:

"Din id-Direttiva m' għandhiex taffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall- impjegati jew li jippromwovu jew jippermettu ftehim kollettiv jew ftehim bejn imsieħba soċjali aktar favorevoli għall-impjegati."

B – *Il-kuntest ġuridiku nazzjonali*

5. Id-Direttiva 77/187/KE li kienet preċedenti għad-Direttiva 2001/23, ġiet inkorporata fil-liġi tar-Renju Unit permezz tat-Transfer of Undertakings (Protection of Employment) Regulations 1981 (iktar 'il quddiem it-"TUPE"). L-Artikolu 5 TUPE jittrasponi l-kontenut tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/23 u, b'mod partikolari, id-dispożizzjoni (2)(a) tistabbilixxi dan li ġej

"Id-drittijiet, possibbiltajiet u obbligi kollha ta' min jagħmel it-trasferiment derivati jew vinkolanti mal-kuntratt jiġu ttrasferiti skont dan ir-regolament lill-persuna li lilha jsir it-trasferiment."

6. Sas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Werhof, it-tribunali industrijali Britanniċi kienu applikaw interpretazzjoni *dinamika* tad-Direttiva 2001/23 u tad-dispożizzjoni 2(a) TUPE. Għaldaqstant, dawk il-klawżoli kuntrattwali li kienu jipprovdu espressament riferiment għal ftehim kollettivi futuri mogħtija fi ħdan organu partikolari ta' negozjar industrijali, kienu, skont id-Direttiva u r-regoli ta' traspożizzjoni tagħha, vinkolanti għall-persuna li timpjega li lilha jsir it-trasferiment

sussegwentement għat-trasferiment tal-impriża[5]. Mistoqsija dwar b'mod partikolari dan il-punt, kemm ir-rappreżentant ta' Parkwood kif ukoll l-impjegati kkonfermaw dan il-każ, fejn jirrikonoxxu li din kienet prattika kuntrattwali applikata prinċipalment fis-settur pubbliku.

## II – Il-fatti u l-proċedura quddiem il-qrati Britanniċi

7. Fis-sena 2002, l-impriża muniċipali ta' divertiment tal-London Borough ta' Lewisham ċediet in-negozju lil CCL Limited, impriża tas-settur privat, fejn l-impjegati tal-ewwel ġew ittrasferiti sabiex jagħmlu parti mill-membri tal-persunal ta' dik tal-aħħar. F'Mejju 2004, CCL Limited ċediet in-negozju lil Parkwood Leisure Limited (iktar 'il quddiem "Parkwood"), impriża li wkoll tagħmel parti mis-settur privat.

8. Meta l-impriża kienet tagħmel parti mill-Borough, il-kuntratti ta' xogħol bejn l-impjegati u din l-impriża kienu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet ta' xogħol innegozjati fi ħdan in-National Joint Council for Local Government Services (iktar 'il quddiem "NJC"), organu ta' negozjar kollettiv fis-settur pubbliku lokali. L-issuġġettar tal-ftehim innegozjati fl-NJC ma jirriżultax mil-liġi, iżda minn klawżola kuntrattwali prevista fil-kuntratt ta' xogħol rispettiv li tistabbilixxi dan li ġej:

"Matul ir-relazzjoni ta' xogħol mal-muniċipju, it-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg ser jiġu rregolati skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettivi nnegozjati perjodikament man-NJC [...], flimkien mal-ftehim adottati f'livell lokali permezz tal-kumitati ta' negozjar muniċipali."

9. Fil-mument tat-trasferiment lil CCL, kien japplika l-ftehim mogħti min-NJC mill-1 ta' April 2002 sal-31 ta' Marzu 2004. F'Mejju 2004 sar it-trasferiment tal-impriża favur Parkwood.

10. In-NJC ikkonkluda ftehim ġdid f'Ġunju 2004, li d-dħul fis-seħħ tiegħu kien retroattiv mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzo 2007. Il-ftehim seħħ, għaldaqstant, sussegwentement għat-trasferiment tal-impriża favur Parkwood. Għal din ir-raġuni, Parkwood waslet għall-konklużjoni li l-ftehim il-ġdid ma kienx jorbotha u għalhekk innotifikat dan lill-impjegati, fejn ċaħditilhom iż-żieda fis-salarji miftiehma fi ħdan in-NJC għall-perijodi bejn April 2004 u Marzu 2007.

11. Parkwood ma pparteċipatx fin-NJC, u lanqas ma setgħet tagħmel dan fi kwalunkwe każ, peress li hija impriża privata mhux relatata mal-amministrazzjoni pubblika.

12. In-nuqqas ta' Parkwood li tosserva t-termini miftiehma fi ħdan in-NJC wassal għat-tressiq ta' kawża mill-impjegati quddiem l-Employment Tribunal, li ġiet miċħuda fl-2008. Fil-fehma ta' din il-qorti, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-kawża Werhof eskludiet il-possibbiltà, fil-kuntest ta' trasferiment ta' impriża, li jiġu ttrasferiti klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi. Din id-deċiżjoni tal-ewwel istanza ġiet appellata u sussegwentement annullata mill-Employment Appeal Tribunal fl-2009, li kkunsidra li d-duttrina Werhof ma tapplikax għal ċirkustanzi bħal dawk rikonoxxuti fl-ordinament ġuridiku Britanniku.

13. Parkwood appellat mid-deċiżjoni tal-Employment Appeal Tribunal quddiem il-Court of Appeal li b'sentenza tal-2010 qablet kemm mal-interpretazzjoni tad-Direttiva kif ukoll mal-portata tas-sentenza Werhof proposti mill-Employment Tribunal.

14. Fl-aħħar nett, l-impjegati ressqu kawża quddiem is-Supreme Court, li ssospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet din id-domanda preliminari.

5 — Din kienet id-duttrina kkonsolidata mill-Employment Appeal Tribunal, hekk kif jidher rifless fis-sentenzi Whent vs Cartledge [1997] IRLR 153 EAT; BET Catering Service Ltd vs Ball & Others EAT 637/96, u Glendale Grounds Management vs Bradley EAT/485/97, fost oħrajn.

## III – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-domanda preliminari

15. Fit-12 ta' Awwissu 2011, u skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 267(3) TFUE, ġiet ippreżentata t-talba għal deċiżjoni preliminari fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn ġew ifformulati d-domandi li ġejjin:

"1. Meta, bħal fil-kawża preżenti, impjegat għandu dritt kuntrattwali, infurzabbli kontra ċ-ċedent [min jagħmel it-trasferiment], sabiex jibbenefika minn kundizzjonijiet li huma nnegozzjati u miftiehma perijodikament minn korp terz ta' negozjar kollettiv u dan id-dritt huwa rrikonoxxut taħt id-dritt nazzjonali bħala ta' natura pjuttost dinamika iktar milli statika, bejn l-impjegat u l-persuna li tħaddem li hija ċ-ċedent, l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, moqri fid-dawl tas-sentenza Werhof tal-Qorti tal-Ġustizzja:

   a) jirrikjedi li tali dritt ikun protett u infurzabbli kontra ċ-ċessjonarju [lil min isir it-trasferiment] f'każ ta' trasferiment li għalih tapplika d-direttiva; jew

   b) jawtorizza lill-qrati nazzjonali sabiex jiddeċiedu li tali drittijiet huma protetti u infurzabbli kontra ċ-ċessjonarju f'każ ta' trasferiment li għalih tapplika d-direttiva; jew

   ċ) jipprojbixxi lill-qrati nazzjonali milli jiddeċiedu li tali drittijiet huma protetti u infurzabbli kontra ċ-ċessjonarju f'każ ta' trasferiment li għalih tapplika d-direttiva?

2) Meta Stat membru wettaq l-obbligu tiegħu li jittrasponi, fid-dritt nazzjonali teigħu, r-rekwiżiti minimi msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/23, iżda jqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-miżuri ta' traspożizzjoni għandhomx jinftiehmu bħala jmorru lil hinn minn dawn ir-rekwiżiti favur l-impjegati protetti, billi jingħataw drittijiet kuntrattwali ta' natura dinamika kontra ċ-ċessjonarju, jista' jitqies li l-qrati tal-Istati Membri huma liberi li japplikaw id-dritt nazzjonali għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tar-regoli li jiżguraw it-traspożizzjoni mingħajr, ovvjament, ma tali interpretazzjoni tmur kontra d-dritt Komunitarju, jew għandu jiġi adottat approċċ ieħor rigward l-interpretazzjoni, u fil-każ ta' risposta pożittiva, liema approċċ?

3) F'dan il-każ, peress li ma huwiex allegat, mill-persuna li tħaddem, li jekk jiġi rikonoxxut lill-impjegati dritt ta' natura dinamika abbażi tad-dritt nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet miftehma mill-ftehim kollettivi jirriżulta fi ksur tad-drittijiet ta'din il-persuna li taddem fir-rigward tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-qorti nazzjonali hija libera li tapplika l-interpretazzjoni tat-Transfer of Undertakings (Protection of Employment) Regulations 1981 [Regolament tal-1981 dwar it-trasferiment ta' impriżi (protezzjoni tal-impjegati) invokata mill-impjegati?"

16. Ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub Alemo-Herron *et*, Parkwood kif ukoll il-Kummissjoni.

17. Matul is-seduta tal-20 ta' Settembru 2012, esponew l-opinjonijiet tagħhom ir-rappreżentanti ta' Alemo-Herron *et* u ta' Parkwood, kif ukoll l-aġent tal-Kummissjoni.

## IV – L-ewwel u t-tieni domandi preliminari

18. Permezz tal-ewwel żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu kkunsidrati flimkien, is-Supreme Court tar-Renju Unit tistaqsi jekk l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23 jeħtieġx, jippermettix jew jimpedixxix lil Stat Membru, fil-kuntest ta' trasferiment ta' impriża, it-trasferiment ta' klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi futuri. Is-Supreme Court għandha dubji dwar il-portata tas-sentenza Werhof tas-sena 2006, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet interpretazzjoni dinamika tal-imsemmi Artikolu 3(3), fil-każ ta' impjegat Ġermaniż, suġġett għal klawżola Statali li tirreferi għall-ftehim kollettiv konkret.

19. Jeżistu raġunijiet suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw id-dubji tal-entità li qed tagħmel it-talba. Ċertament is-sentenza Werhof ċaħdet kategorikament il-possibbiltà li d-Direttiva 2001/23 timponi fuq l-Istati Membri t-trasferiment ta' klawżoli dinamiċi li jirreferu għal ftehim kollettivi futuri. Madankollu, ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja kien ikkundizzjonat ħafna miċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dak il-każ, ċirkustanzi sinjifikattivament distinti minn dawk tal-kawża li bħalissa hija pendenti quddiem is-Supreme Court. Bl-istess mod, id-diffikulatjiet li joħloq it-trasferiment dinamiku għal ftehim kollettivi futuri f'din il-kawża ma jqumux bl-istess mod bħal fil-kawża Werhof, peress li Parkwood, bid-differenza tal-persuna li timpjega li lilha sar it-trasferiment ta' H. Werhof, hija impriża privata li xtrat impriża inizjalment pubblika. Għaldaqstant, Parkwood ma tista' fl-ebda każ tipparteċipa u lanqas tinfluwenza indirettament fil-proċess ta' negozjar konkluż min-NJC, organu unikament irriżervat għan-negozjar kollettiv tas-settur pubbliku muniċipali.

20. Fid-dawl ta' dawn id-differenzi, ser nanalizza fl-ewwel lok u f'forma ddettaljata, l-aspett letterali tad-Direttiva 2001/23 u tas-sentenza Werhof. Insegwi billi nikkunisdra d-differenzi fil-punti ta' fatt u ta' liġi bejn il-kawża Werhof u dik preżenti, u minn dan il-mument jien intiż favur it-tieni interpretazzjoni tad-Direttiva proposta mis-Supreme Court, jiġifieri, dik li tgħid li l-Istati Membri ma humiex preklużi milli jippermettu, abbażi tad-Direttiva 2001/23 u fil-kuntest ta' trasferiment ta' impriża, it-trasferiment ta' klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi futuri. Minkejja dan, u fid-dawl ta' dak deċiż fis-sentenza Werhof, l-applikazzjoni mill-Istati ma tistax tikser id-drittijiet fundamentali protetti mill-Unjoni, aspett li dwaru ser nitkellem sabiex nagħti risposta għat-tielet domanda preliminari.

### A – *Id-Direttiva 2001/23, l-applikazzjoni ta' ftehim kollettivi fil-kuntest ta' trasferiment ta' impriża u l-marġni ta' manuvra tal-Istati Membri*

21. L-għan tad-Direttiva 2001/23, li tissostitwixxi d-Direttiva 77/187, huwa l-protezzjoni tal-impjegati f'każ ta' bidla tal-persuna li timpjega, b'mod partikolari sabiex tiggarantixxi ż-żamma tad-drittijiet tagħhom[6]. Fost miżuri oħra, id-Direttiva tiżgura, skont l-Artikolu 3 tagħha, iż-żamma tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw minn min jagħmel it-trasferiment ta' kuntratt ta' xogħol, jew ta' relazzjoni ta' impjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment, sussegwentment għat-trasferiment tal-impriża. Kif kellha okkażjoni li ssostni l-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan ta' dan il-kunċett huwa li jiggarantixxi ż-żamma tal-kundzzjonijiet ta' xogħol kollha, inklużi dawk miftiehma fi ftehim kollettiv, b'konformità mar-rieda tal-partijiet kontraenti tal-ftehim kollettiv, suġġett għat-trasferiment tal-impriża[7].

22. Kif sostniet korrettament il-Kummissjoni, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/23 ma huwiex dispożizzjoni speċifika, iżda kunċett li jirrifletti ekwilibriju bejn il-protezzjoni tal-impjegat u l-interessi tal-persuna li timpjega li lilha jsir it-trasferiment. Għalhekk, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (2) tiegħu jippermetti lill-Istati Membri li jistabbilixxu li min jagħmel it-trasferiment u l-persuna li lilha jsir

6 — Ara, fost oħajn, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 1988, Tellerup, imsejħa "Daddy's Dance Hall" (324/86, Ġabra p. 739, punt 9); tal-25 ta' Lulju 1991, D'Uro *et* (C-362/89, Ġabra p. I-4105, punt 9), u tat-12 ta' Novembru 1992, Watson Rask u Christensen (C-209/91, Ġabra p. I-5755, punt 26).

7 — Ara, fost oħajn, is-sentenzi D'Urso *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 9; tas-27 ta' Novembru 2008, Juuri (C-396/07, Ġabra p. I-8883, punt 33), u tat-12 ta' Novembru 1998, Europièces (C-399/96, Ġabra p. I-6965, punt 37).

it-trasferiment ikunu responsabbli *in solidum* għall-obbligi li jkollhom l-oriġini tagħhom f'kuntratt ta' xogħol. Bl-istess mod, it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 li jirreferi għall-effetti tal-ftehim kollettivi, jawtorizza lill-Istati Membri jillimitaw il-perijodu ta' żamma tal-kundizzjonijiet ta' xogħol, iżda dejjem li ma jkunx għal perijodu inqas minn sena.

23. Kif intqal diversi drabi, iż-żamma tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt ta' xogħol fis-seħħ fil-mument tat-trasferiment, inkluż dawk li jirriżultaw mill-ftehim kollettiv applikabbli għar-relazzjoni ta' xogħol, hija żamma *kundizzjonali*. Bl-istess mod, l-Istati Membri jżommu setgħat ta' implementazzjoni wiesgħa meta jimplementaw u japplikaw id-Direttiva 2001/23. Dan iseħħ sabiex ikun hemm, bħal ma ssostni l-Qorti tal-Ġustizzja, "armonizzazzjoni parzjali tal-materja inkwistjoni"[8]. Id-Direttiva "ma tistenniex li tistabbilixxi livell ta' protezzjoni uniformi għall-[Unjoni] kollha skont kriterji komuni", iżda li tiggarantixxi li l-impjegat ikkonċernat "jibqa' protett fir-relazzjonijiet tiegħu ma' min lilu jsir it-trasferiment bħal ma kien ma' min għamel it-trasferiment, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni"[9].

24. Din is-setgħa ta' implementazzjoni tal-Istati Membri tidher madankollu iktar imsaħħa, fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2001/23, li jsostni li d-Direttiva "m'għandhiex taffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall- impjegati"[10]. Minbarra dan, l-imsemmi Artikolu 8 jipprovdi, bħala kontinwazzjoni u b'forma speċjalment rilevanti fid-dawl ta' din il-kawża, li d-Drettiva lanqas ma taffettwa l-possibbiltà għall-Istati Membri li "jippromwovu jew jippermettu ftehim kollettiv jew ftehim bejn imsieħba soċjali aktar favorevoli għall-impjegati"[11].

25. Marbut ma' dan il-punt, ser nanalizza l-kontenut tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23, li huwa s-suġġett tad-domandi tas-Supreme Court. Dan il-kunċett jipprovdi li min lilu jsir it-trasferiment għandu jkompli josserva t-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma f'kull ftehim kollettiv skont l-istess kundizzjonijiet applikabbli għal min jagħmel it-trasferiment taħt dak il-ftehim, "sad-data li fiha l-ftehim kollettiv jispiċċa jew jiskadi jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv ieħor". Ir-redazzjoni imperattiva tad-dispożizzjoni tista' tiġġustifika d-dubji tal-qorti tar-rinviju, fejn tista' tasal sabiex tiddeduċi minnha projbizzjoni ta' kwalunkwe protezzjoni dinamika, li skontha l-ftehim fis-seħħ fil-mument tat-trasferiment, jew il-ftehim ulterjuri, jirregolaw ir-relazzjoni ta' impjieg bejn l-impjegat u lil min isir it-trasferiment. Minkejja dan, din il-perċezzjoni tal-kunċett lanqas ma tista' ma tiħux inkunsiderazzjoni dak stabbilit fl-Artikolu 8 tad-Direttiva, li jawtorizza espressament lill-Istati Membri mhux biss li jadottaw miżuri iktar favorevoli għall-impjegati, iżda wkoll jippermetti l-"applikazzjoni" ta' ftehim kollettivi iktar favorevoli għall-ħaddiema.

26. Dan huwa l-mument li fih għandna nikkonċentraw fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Werhof, iċċitata iktar 'il fuq, li l-kontenut tagħha jidher li jmur kontra kwalunkwe trasferiment ta' klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi futuri. Madankollu, bħal ma ser jidher iktar 'il quddiem, din l-interpretazzjoni tas-sentenza la tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' fatt li wasslu għall-kawża, u l-anqas l-għanijiet aħħarija tad-Direttiva 2001/23.

8 — Ara, fost oħrajn, is-sentenzi Watson Rask u Christensen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27, u tas-6 ta' Novembru 2003, Martin *et* (C-4/01, Ġabra p. I-12859, punt 41).

9 — *Ibidem.*

10 — Dispożizzjonijiet iktar favorevoli li jinkludu, kif ikkonfermat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni rispettiva tagħha mill-qrati nazzjonali, kif huwa l-każ hawnhekk. F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1992, Katsikas *et* (C-132/91, C-138/91 u C-139/91, Ġabra p. I-6577, punt 40).

11 — Għandu jiġi osservat li dan l-inċiż huwa wieħed minn fost dawk introdotti mid-Direttiva 2001/23, fir-rigward tal-preċedessur tagħha, id-Direttiva 77/187/KEE, fejn l-Artikolu 7 tagħha kien jillimita ruħu li jiddikjara li "Din id-Direttiva ma tippreġudikax il-fakultà tal-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi iktar favorevoli għall-ħaddiema" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

B – *Is-sentenza Werhof*

27. Ir-raġuni li għaliha s-sentenza Werhof tiċħad kategorikament il-protezzjoni dinamika tal-kundizzjonijiet ta' xogħol miftiehma fi ftehim futuri, hija minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari ta' fatt u ta' liġi tal-kawża. H. Werhof kien impjegat Ġermaniż fis-settur metallurġiku li l-kuntratt ta' xogħol applikabbli tiegħu fil-mument tat-trasferiment kien fih klawżola statika ta' trasferiment għal ftehim kollettiv. Fid-dawl ta' dan, il-kuntratt ta' xogħol ta' H. Werhof kien jirreferi għall-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni miftiehma fi ftehim kollettiv speċifiku u fis-seħħ fil-mument tat-trasferiment [12]. Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet għażlet li tuża l-fakultà li d-Direttiva 2001/23 tagħti lill-Istati Membri, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tagħha, billi limitat għalhekk l-applikabbiltà tal-ftehim applikabbli għall-mument tat-trasferiment għal perijodu massimu ta' sena [13].

28. Għaldaqstant, il-kawża Werhof hija kkundizzjonata minn żewġ ċirkustanzi speċjali li jispjegaw ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġutsizzja: klawżola statika ta' riferiment għal ftehim kollettiv konkret u limitazzjoni *ex lege* tat-tul tal-effetti tal-ftehim sussegwentement għat-trasferiment. F'dawn iċ-ċirkustanzi, H. Werhof sostna, abbażi tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23, protezzjoni dinamika li tippermettilu jibbenefika mill-ftehim kollettiv sussegwenti għall-ftehim fis-seħħ fil-mument tat-trasferiment, minkejja li l-kuntratt tiegħu ma kellu ebda klawżola dinamika. Ma huwiex sorprendenti, għaldaqstant, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx l-allegazzjonijiet ta' H. Werhof.

29. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet l-argument tagħha billi enfasizzat il-fatt li l-klawżola li tirreferi għall-ftehim kollettiv li tinsab fil-kuntratt ta' xogħol ta' H. Wefhof kienet statika. Għaldaqstant, "klawżola li tirreferi għal ftehim kollettiv ma jistax ikollha portata iktar wiesgħa minn dik tal-ftehim li *għalih hija tirreferi*" [14]. L-istess idea tidher li hija riflessa fir-riferiment tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-Artikolu 3(2) tad-Direttiva, li jistabbilixxi limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' applikabbiltà " *tal-ftehim kollettiv li jirreferi għalih* il-kuntratt ta' impjieg" [15]. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad li d-Direttiva timponi protezzjoni dinamika meta l-kuntratt ta' xogħol fis-seħħ fil-mument tat-trasferiment fih klawżoli li jirreferu għal ftehim kollettiv speċifiku. Fi ftit kliem, u kif jidher ċar, id-Direttiva 2001/23 *ma tittrasformax* f'dinamiċità l-klawżoli statiċi fis-seħħ fil-mument tat-trasferiment.

30. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi enfasizzat il-fatt li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet limitat il-perijodu ta' żamma tal-kundizzjonijiet ta' xogħol, bħal ma tippermetti d-Direttiva 2001/23 fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tagħha [16]. Il-fatt li l-Istat Membru kien għamel użu minn din il-prerogattiva huwa importanti, peress li, kif issostni l-Qorti tal-Ġustizzja, din hija limitazzjoni "sussidjarja", fil-każ li ma tkunx inħolqot f'terminu minimu ta' sena ebda waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (3) (l-iskadenza, l-estinzjoni tal-ftehim kollettiv eżistenti, id-dħul fis-seħħ jew inklużа l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv ġdid) [17]. Għaldaqstant, inkluż fil-presuppożizzjoni li l-kuntratti kellhom riferimenti dinamiċi għall-ftehim kollettivi fis-seħħ u futuri, l-Istati Membri dejjem iżommu l-possibbiltà li jillimitaw dawn l-effetti, sakemm jiżguraw li jżommuhom fis-seħħ għal ammont minimu ta' sena. Dan kien preċiżament il-każ tal-ordinament ġuridiku Ġermaniż fil-kawża Werhof.

12 — Għal deskrizzjoni ddettaljati tal-fatti li seħħew fil-kawża Werhof, ara l-konklużjonijiet ippreżentati f'din il-kawża mill-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer, fil-punti 16 sa 23.

13 — Ara l-konklużjonijiet iċċitatia fin-nota preċedenti, punti 14 u 15. Dwar il-kuntest ġuridiku Ġermaniż applikabbli skont H. Werhof, ara l-analiżi ta' P. Rémy, "Le renvoi à la convention colective dans le contrat de travail en droit allemand et la directive transfert", *Droit Social*, Nru 3, 2007, p. 342 sa 346.

14 — Sentenza Werhof, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28 (korsiv miżjud minni).

15 — *Ibidem* (korsiv miżjud minni).

16 — Sentenza Werhof, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30.

17 — Sentenza Werhof, iċċitata iktar 'il fuq.

31. Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li s-sentenza Werhof ma ddikjaratx, b'forma ġenerali, l-inkompatibbiltà mad-Direttiva taż-żamma tal-effetti tal-klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi futuri. Dak li s-sentenza Werhof qed tiċħad hija sempliċement interpretazzjoni li tgħid li d-Direttiva *timponi* fuq l-Istati Membri protezzjoni dinamika wkoll meta l-kuntratt fih klawżola ta' riferiment statika, u anki madankollu meta l-Istat Membru milqut jillimita l-effetti tal-ftehim fis-seħħ fil-mument tat-trasferiment għal perijodu ta' sena. It-talba ta' H. Werhof eċċediet l-għanijiet stabbiliti mid-Direttiva 2001/203, u kien preċiżament għal din ir-raġuni li l-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, b'ton partikolarment iebes, li l-intenzjoni tagħha "ma kinitx maħsuba sabiex tipproteġi sempliċi aspettattivi u, għaldaqstant, il-benefiċċji ipotetiċi li jistgħu jirriżultaw minn bidliet futuri tal-ftehim kollettiv" [18].

32. Il-kwistjoni tkun differenti meta l-benefiċċju, jiġifieri, il-previżjoni ta' applikazzjoni effettiva tal-kundizzjonijiet li jiġu miftiehma fil-kuntest tan-NJC, ma huwiex sempliċement ipotetiku, iżda jkun ġie miftiehem espressament fil-kuntratt ta' xogħol u kif jippermetti l-ordinament ġuridiku nazzjonali. Dan huwa l-każ hawnhekk, li l-karatteristiċi tiegħu għandhom jiġu kkunsidrati b'attenzjoni.

### C – *Il-kawża preżenti, fid-dawl tad-Direttiva 2001/23 u tas-sentenza Werhof*

33. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/23, u filwaqt li nikkunsidraw il-portata preċiża tas-sentenza mogħtija fil-kawża Werhof, ser nipproċedi sabiex nanalizza l-fatti u l-kuntest ġuridiku nazzjonali tal-kawża mressqa mis-Supreme Court.

34. Kif intqal mill-partijiet, l-ordinament ġuridiku Britanniku ttraspona d-Direttiva 2001/23 permezz tat-TUPE Regulations, fejn inkorpora d-dispożizzjoni fl-Artikolu 3 tad-Direttiva f'termini prattikament identiċi. Il-leġiżlazzjoni Britannika ma żviluppatx b'dettall speċjali t-termini li permezz tagħhom jinżammu d-drittijiet u l-obbligi tal-pesuna li timpjega u l-impjegat bħala konsegwenza ta' trasferiment, responsabbiltà li qiegħdet fuq it-tribunali industrijali. B'konsegwenza, u kif ġie kkonstatat mid-deċiżjonijiet, dawn il-qrati ammettew il-possibbiltà li t-trasferiment jinkludi, fl-istess ħin, it-trasferiment ta' klawżola ta' riferiment dinamiku għal ftehim kollettivi ulterjuri [19]. Sal-mument li fih ingħatat is-sentenza Werhof, din l-interpretazzjoni tat-TUPE Regulations kienet stabbilita u mhux ikkontestata. Mistoqsija matul is-seduta dwar din il-pożizzjoni, il-partijiet kollha fil-kawża prinċpali kkonfermaw l-eżistenza ta' din il-linja ta' ġurisprudenza. Fl-istess ħin, ir-rappreżentant tal-impjegati qal ukoll li t-trasferiment ta' dan it-tip ta' klawżoli kien iseħħ b'mod partikolari fit-trasferimenti ta' impriżi pubbliċi.

35. Fl-istess ħin, ir-Renju Unit użax l-eċċezzjoni pprovduta fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23, li tgħid li l-Istati Membri jistgħu jillimitaw *ratione temporis* l-effetti tal-kuntratti li saru preċedentement għat-trasferiment, ladarba dan ikun seħħ, anki jekk bil-limitu *ratione temporis* ta' sena. Din il-karatteristika, magħquda mal-ġurisprudenza tat-tribunali industrijali deskritta qabel, tista' tikkonferma l-eżistenza ta' ffukar partikolarment intiż lejn it-transferabbiltà ta' klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim futuri.

36. Ir-raġuni għall-eżistenza ta' din l-attitudni tista' tirrisjedi, fid-dawl ta' dak li ġie espost mill-partijiet, fin-natura flessibbli tas-sistema ta' negozjar kollettiv eżistenti fir-Renju Unit. Bid-differenza ta' ordinamenti ġuridiċi nazzjonali oħra, ir-Renju Unit ma jirrikonoxxix *ex lege* l-effetti ġuridiċi tal-ftehim kollettivi, peress li huma l-kuntratti ta' xogħol, bħala konsegwenza ta' riferiment espress jew taċitu għall-ftehim, li jattribwixxu effetti għalihom [20]. Għaldaqstant, u bħala regola ġenerali, l-effetti tal-ftehim

18 — Sentenza Werhof, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29.

19 — Ara l-ġurisprudenza tal-Employment Appeal Tribunal iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 — Li l-ftehim kollettivi ma humiex vinkolanti huwa prinċipju stabblit sew fid-dritt industrijali Britanniku li l-għeruq tiegħu ġejjin mis-seklu dsatax, fis-sezzjoni 4 tat-Trade Union Act tal-1871. Bl-istess mod, il-common law unikament irrikonoxxa l-effetti tal-ftehim kollettivi bħala konsegwenza ta' riferiment speċifiku għal klawżola tal-kuntratt ta' xogħol (ara Ford Motor Co Ltd vs AUEFW [1969] 2 QB 303). Dan huwa dak fis-seħħ fl-ordinament ġuridiku Britanniku, bħal ma jsostnu S. Deakin u G. Morris, *Labour Law*, il-5 edizzjoni., Ed. Hart, Portland – Oxford, 2009, p. 237 u 238.

jirriżultaw esklużivament mill-kuntratt, u dan fl-ambitu li bija hija fformulata l-klawżola ta' riferiment. Din l-interpretazzjoni tal-ftehim kollettiv tagħti marġni ta' manuvra wiesa' lill-partijiet, inkluż meta jaqblu li jkunu suġġetti għal ftehim futuri, peress li, bħala ma jsostnu l-partijiet f'din il-kawża, xejn ma jipprekludihom milli jinnegozjaw mill-ġdid il-klawżola tal-kuntratt li tikkunsidra r-riferiment għall-ftehim.

37. Għal din ir-raġuni, u peress li klawżola ta' riferiment dinamika għal ftehim futur hija r-riżultat ta' ftehim bejn il-partijiet li jista' jkun emendat fi kwalunkwe mument, il-qrati Britanniċi ma kkunsidrawx li dawn it-tipi ta' ftehim jistgħu jippreġudikaw il-libertà ta' assoċjazzjoni tal-persuna li timpjega u lanqas dispożizzjoni oħra tal-ordinament ġuridiku Britanniku. Minbarra dan, is-sistema flessibbli u "kuntrattwali" ta' relazzjonijiet industrijali Britanniċi tikkontribwixxi sabiex dawn it-tipi ta' klawżoli jistgħu jiġu ttrasferiti fil-kuntest ta' trasferiment ta' impriża.

38. Jekk nikkunsidraw issa l-każ hawnhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-kuntratt ta' xogħol fis-seħħ fil-mument tat-tarsferiment kien fih klawżola ta' riferiment dinamika għall-ftehim mogħtija fi ħdan in-NJC. Fil-mument tat-trasferiment, l-impjegati tal-impriża kienu bbażaw fuq impenn speċifiku u preċiż tal-issuġġettar għall-kundizzjonijiet tax-xogħol li jirriżultaw minn negozjar kollettiv, preżenti u futur, effettwat minn dan l-organu. Għaldaqstant, bid-differenza ta' dak li ġara fil-kawża Werhof, ninsabu quddiem kuntratt ta' xogħol li fih klawżola dinamika ta' adozzjoni ta' dak miftiehem fi ftehim futuri. Meta napplikaw dak li ntqal mill-Qorti tal-Ġustizzja għal dan il-każ, l-"aspettattivi" maħluqa għal din il-klawżola favur l-impjegati tal-impriża ttrasferita huma b'mod partikolari distinti minn dawk maħluqa minn klawżola statika bħal dik preżenti fil-kawża Werhof. Pjuttost, dawn huma ċertezzi, peress li l-klawżoli kienu ġew liberament u espressament miftiehma mill-partijiet, skont il-kuntest ġuridiku fis-seħħ, u kif ikkonstatat fil-kuntratt ta' xogħol.

39. Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, nikkunsidra li d-Direttiva 2001/23 ma tipprekludix lir-Renju Unit milli jippermetti l-possibbiltà li l-partijiet jintroduċu klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi futuri, u li dawn jiġu ttrasferiti mnħabba t-trasferiment. Kif intqal, is-sentenza Werhof ikkonfermat li l-imsemmija direttiva ma timponix fuq l-Istati Membri kunċett dinamiku tar-riferimenti għal ftehim. Dan ifisser li, minħabba l-fatt li kuntratt jinkludi riferiment statiku għal ftehim, dan ir-riferiment ma jinbidilx fi ftehim dinamiku permezz tad-Direttiva. Madankollu, din id-direttiva, bħala prinċipju ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jaċċettaw l-eżistenza stess tal-klawżoli dinamiċi ta' riferiment. Xejn fil-kuntest letterali tad-Direttiva ma jipprojbixxi dan, u l-Artikolu 8 tagħha, li jiddikjara li l-Istati Membri jżommu l-possibbiltà li "jippromwovu jew jippermettu ftehim kollettiv […] aktar favorevoli għall-impjegati", jikkonferma dan. Dan jidher li huwa l-għan tal-ġurisprudenza Britannika li approvat l-imsemmija klawżoli dinamiċi ta' riferiment: tħeġġeġ iż-żamma ta' kundizzjonijiet iżjed favorevoli għall-impjegati permezz ta' applikazzjoni għal riferiment għal ftehim kollettiv.

40. Minbarra dan, il-fatt li d-Direttiva tippermetti lir-Renju Unit li jagħti protezzjoni bl-ebda mod ma jipprekludi lil-leġiżlatur Britanniku milli juża l-possibbiltà mogħtija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3), dispożizzjoni li tippermetti l-limitazzjoni *ratione temporis* tal-kundizzjonijiet miftiehma fil-mument tat-trasferiment, minkejja li jiggarantixxi perijodu minimu ta' sena. Bl-istess mod, lanqas ma hemm xejn li jipprekludi lil-leġiżlatur jew lill-qrati Britanniċi milli jbiddlu l-portata tat-TUPE bl-għan li jirrestrinġu jew jipprojbixxu t-trasferiment tal-klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi futuri. B'mod definittiv, din hija deċiżjoni li tinsab fl-ambitu rriżervat għall-immanuvrar tal-Istat Membru.

41. Għaldaqstant, u fid-dawl tal-argumenti proposti, nasal għall-konklużjoni li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li bħala prinċipju ma jipprekludix lil-Istati Membri milli jikkunsidraw il-possibbiltà li l-klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi preżenti u futuri, liberament miftiehma mill-partijiet fil-kuntratt ta' xogħol, jiġu ttrasferiti bħala konsegwenza ta' trasferiment ta' impriżi.

## V – It-tielet domanda preliminari

42. Permezz tat-tielet domanda tagħha, is-Supreme Court tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kompatibbiltà tal-klawżoli dinamiċi ta' riferiment mad-Direttiva 2001/23 tistax, f'kull każ, tikser l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Sa fejn qed nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi l-konformità tal-imsemmija klawżoli mad-Direttiva 2001/23, ser nipproċedi biex nagħti risposta għat-tielet domanda, minkejja li hija suġġetta għal ċerta riformulazzjoni fuq il-livell letterali tagħha.

43. Is-Supreme Court tesprimi d-dubji tagħha dwar l-effett f'din il-kawża tal-imsemmi Artikolu 11 KEDB u, b'estensjoni, tal-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dan il-kunċett, li jistabbilixxi l-libertà ta' assoċjazzjoni, jipproteġi lill-individwu mhux biss minn projbizzjonijiet possibbli jew restrizzjonijiet għall-kapaċità tiegħu li jipparteċipa jew jistabbilixxi assoċjazzjonijiet, iżda wkoll tal-obbligu, dirett jew indirett, li jipparteċipa fihom [21]. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, għaldaqstant, dwar il-konformità tat-TUPE, kif huma attwalment interpretati mill-qrati Britanniċi, mal-libertà ta' assoċjazzjoni tal-persuna li timpjega fl-aspett negattiv tagħha.

44. Anki jekk sitwazzjoni bħal dik ta' Parkwood tista' taqa' fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Karta, dak li huwa ċert huwa li din il-kawża tippreżenta karatteristika speċjali li jisseparaha, fl-opinjoni tiegħi, mil-libertà ta' assoċjazzjoni fl-aspett negattiv tagħha. Bħal ma ġie sostnut fil-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-organu ta' negozjar kollettiv li għalih tirreferi l-klawżola kuntrattwali inkwistjoni, in-NJE, huwa organu ta' natura pubblika, li fi ħdanu jiġu nnegozjati l-kundizzjonijiet industrijali tal-persunal tas-settur pubbliku lokali. Minħabba n-natura pubblika u l-ambitu strett ta' eżekuzzjoni tiegħu, in-NJC diffiċilment jista' jesprimi jew jagħti vuċi lill-interessi ta' Parkwood, minkejja li din hija impriża ttrasferita li preċedentement kienet pubblika. Dan huwa kemm ikkonfermat mill-partijiet fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħhom, u kif ukoll ikkonstatat mill-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari.

45. Għaldaqstant, il-problema ma hijiex li Parkwood kienet obbligata li tipparteċipa f'organizzazzjoni jekk xtaqet tikkondizzjona l-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiema tagħha (sitwazzjoni li toħolq, fil-fatt, problema ta' inkompatibbiltà mal-Artikolu 12 tal-Karta). Minbarra dan, għandu jiġi kkonstatest li Parkwood *ma għandha ebda mod ta' rappreżentazzjoni* quddiem in-NJC. Ir-restrizzjoni ta' drittijiet li jinħolqu għal Parkwood ma jirriżultawx minn obbligu ta' parteċipazzjoni f'organu, iżda mill-fatt li għandha tieħu obbligi assunti fi ftehim li fuqhom ma għandha ebda kapaċità ta' influwenza.

46. B'dan l-argument, u kif ser inkompli nispjega, id-dritt fundamentali inkwistjoni ma huwiex il-libertà ta' assoċjazzjoni negattiva tal-persuna li timpjega, iżda d-dritt fundamentali tagħha għal-libertà ta' impriża, li l-Artikolu 16 tal-Karta jirrikonoxxi "skond il-liġi ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali".

47. Kif diġà ġie espost preċedentement, nikkunsidra li d-Direttiva 2001/23 ma tipprojbixxix lill-Istati Membri li jistabbilixxu skemi industrijali li fihom il-klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi jiffurmaw parti mit-trasferiment ta' drittijiet u obbligi prodotti minn trasferiment ta' impriża. Madankollu, u kif huwa magħruf sew, l-Istati Membri, ukoll meta għandhom marġni ta' manuvra espressament mogħti mid-dritt tal-Unjoni, għandhom jeżerċitawh skont dan l-ordinament [22]. Dan l-obbligu jinkludi, fost oħrajn u naturalment, id-drittijiet fundamentali, bħal ma jipprovdi espressament

21 — Ara f'dan ir-rigward il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dimensjoni negattiva tal-libertà ta' assoċjazzjoni, speċjalment is-sentenzi Sigurdur A. Sigurjónsson vs. L-Islanda, tat-30 ta' Ġunju 1993, Gustafsson vs L-Isvezja, tal-25 ta' April 1996 u Vördur Ólafsson vs. L-Islanda, tas-27 ta' April 2010.

22 — Sentenza Werhof, iċċitata iktar 'il fuq, punti 32 *et seq.*

l-Artikolu 51 tal-Karta. Għaldaqstant, minkejja li r-Renju Unit jista' jawtorizza lill-atturi soċjali jinkludu fil-kuntrati ta' xogħol klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi, din il-fakultà ma tistax tirriżulta f'attwazzjonijiet li jmorru kontra d-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta, inkluża l-libertà ta' impriża rikonoxxuta fl-Artikolu 16.

48. Il-libertà ta' impriża għandha storja twila fid-dritt tal-Unjoni[23]. Ikkonċepita inizjalment bħala korollarju tad-dritt fundamentali għal proprjetà[24], diġà fis-snin tmenin beda jkollha awtonomija proprja, sakemm laħqet il-livell ta' prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni[25]. Illum, l-ispjegazzjonijiet tal-Karta jsostnu li dan l-artikolu huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fejn tiġi rikonoxxuta l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew ta' negozju, però wkoll il-libertà kuntrattwali u l-prinċipju ta' kompetizzjoni ħielsa[26].

49. Madankollu, minkejja li l-libertà ta' impriża għandha tliet sorsi, dak li huwa ċert huwa li l-ġurisprudenza ma wasslitx sal-lum għal definizzjoni kompleta u operattiva tal-imsemmija libertà. Id-deċiżjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha okkażjoni li tagħti f'dan ir-rigward, kienu limitati sabiex jirreferu għad-dritt ta' proprjetà, u sabiex jirriproduċu dak stabbilit fl-Artikolu 16 tal-Karta.

50. Dan kollu preċedenti ma jimpedixxix li jiġi dedott il-kontenut bażiku ta' dan id-dritt u, f'dan ir-rigward, is-sorsi ta' dak li jirreferu għalihom l-ispjegazzjonijiet tal-Artikolu 16 tal-Karta jagħtu għajnuna kbira. Fil-fatt, il-libertà ta' impriża, bħal ma jidher li huwa stabbilit f'dan l-artikolu, taġixxi bħala garanzija tal-inizjattiva u attività ekonomika, ovvajment suġġetta għal limitazzjonijiet, pero fi kwalunkwe każ tiżgura l-eżistenza ta' kundizzjonijiet minimi ta' implementazzjoni ekonomika fis-suq intern. Għalhekk, il-libertà ta' impriża tapplika bħala limitu għall-attwazzjoni tal-Unjoni fil-funzjoni leġiżlattiva u eżekuttiva tagħha, bħal ma hija dik tal-Istati Membri li japplikaw id-dritt tal-Unjoni.

51. Min-naħa l-oħra, il-libertà ta' impriża, għalkemm hija fil-qrib marbuta mad-dritt fundamentali ta' proprjetà, fid-dritt tal-Unjoni, kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi varji tal-Istati Membri[27], tipproteġi stiwazzjonijiet ġuridiċi differenti. Jekk id-dritt ta' proprjetà huwa intiż għall-qasam ta' beni materjali u mhux materjali, il-libertà tal-impriża tipproteġi l-inizjattiva ekonomika u l-kapaċità ta' eżekuzzjoni fis-suq, iżda mhux il-benefiċċji konkreti, mibdula f'ammont patrimonjali, miksuba f'dan is-suq[28].

23 — F'dan ir-rigward, ara véase J. Schwarze, "Der Grundrechtsschutz für Unternehmen in der Europäischen Grundrechtecharta", *Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht*, 2001.

24 — Ara s-sentenzi tas-27 ta' Settembru 1979, Eridania (230/78, Ġabra p. 2749, punti 20 *et seq*), kif ukoll tad-19 ta' Settembru 1985, Finsider vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda 63/84 u 147/84, Ġabra p. 2857, punt 23).

25 — Sentenza tal-21 ta' Frar 1991, Zuckerfabrik Süderdithmarschen u Zuckerfabrik Soest (C-143/88 u C-92/89, Ġabra p. I-415, punt 73).

26 — L-ispjegazzjonijeit f'dan il-punt jagħmlu riferiment għas-sentenzi tal-14 ta' Mejju 1974, Nold (4/73, Ġabra 1974), p. 491; Eridiana, iċċitata iktar 'il fuq, tas-16 ta' Jannar 1979, Sukkerfabriken Nykøbing (151/78, Ġabra p. 1), punt 19, u tal-5 ta' Ottubru 1999, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-240/97, Ġabra p. I-6571, punt 99).

27 — Numru kbir ta' Stati Membri li, bħal fil-każ tal-Karta, jirrikonoxxu l-forma awtonoma tad-dritt fundamentali għal-libertà ta' impriża. Dan huwa l-każ ta' Spanja (Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni Spanjola), il-Portugall (Artikolu 41.1 tal-Kostituzzjoni Portugiża) jew l-Italja (Artikolu 61.1 tal-Kostituzzjoni Taljana). Minkejja dan, fi Franza l-libertà tal-impriża hija dedotta mill-garanzija Kostituzzjonali tal-proprjetà privata u d-dritt ġenerali ta' libertà, kif jiddiskrivi P. Devolvé, Droit public de l'économie, Ed. Dalloz, Pariġi, 1998, p. 105 *et seq.* Każ differenti huwa dak tal-ordinament ġuridiku Ġermaniż, fejn l-inizjattiva ekonomika libera tirriżulta mid-dritt ta' proprjetà privata iżda wkoll mid-dritt għall-għażla libera ta' professjoni. F'dan ir-rigward, ara P.-J Tettinger., "Artikel 12" fi M. Sachs, M. (ed.), Grundgesetz-Komentar, Ed. C. H. Beck, München, 1996, p. 428 *et seq.* Sobre este derecho fundamental en el Derecho comparado europeo, ara L. Arroyo Jiménez, Libre empresa y títulos habilitantes, Ed. CEPC, Madrid, 2004, p. 75 sa 79.

28 — Ara H. J. Véase Blanke, "Artikel 16", fi P. Tettinger. u K. Stern,, *Europäische Grundrechte-Charta*, Ed. C.H. Beck, 2006, p. 428, 429 u 439 sa 442, kif ukoll LM Díez-Picazo Giménez, Sistema de Derechos Fundamentales, 3ª ed., Ed., Thomson-Civitas, Madrid, 2008, p. 537 *et seq.*

52. Għandu jingħad, fl-aħħar nett, li l-libertà ta' impriża tikkostitwixxi dritt fundamentali ta' importanza fundamentali. In-natura mhux assoluta tad-dritt tikkontribwixxi sabiex l-applikazzjoni tagħha titwettaq komunement ħafna bħala korrispettiv għal drittijiet fundamentali oħra, bħal ma turi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li sal-lum ikkunsidrat il-libertà ta' impriża flimkien ma drittjijet fundamentali oħra bħall-protezzjoni tal-ħajja privata [29], tas-saħħa [30] jew tal-proprjetà intellettwali [31].

53. F'dan il-kuntest preċiż, għandna quddiemna leġiżlazzjoni nazzjonali li tgħid li l-klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi jiġu ttrasferiti f'trasferiment ta' impriża. It-trasferiment tal-klawżola jippresupponi li lil min isir it-trasferiment, f'dan il-każ l-impriża Parkwood, jibqa' suġġett għall-kundizzjonijiet ta' xogħol miftiehma fil-preżent u fil-futur fi ħdan in-NJC. Għaldaqstant, u bħala riżultat ta' klawżola kuntrattwali espressament stipulata fil-kuntratt ta' xogħol, l-ordinament Britanniku jippermetti li l-impjegati tal-impriżi pubbliċi ttrasferiti għal impriżi privati jżommu l-kundizzjonijiet preżenti u futuri miftiehma fin-NJC, organu li l-impriża li lilha jsir it-trasferiment ma tistax tipparteċipa fih.

54. Loġikament il-possibbiltà li tinkiseb impriża partikolari ma jagħmilx parti mil-libertà rikonoxxuta fl-Artikolu 16 tal-Karta. Minkejja dan, l-istabbiliment ta' waħda mill-kundizzjonijiet ta' xiri tant iebsa li jwasslu fil-prattika sabiex jiskoraġġixxu b'mod qawwi x-xiri ta' impriżi, jista' jirriżulta fi ksur tal-imsemmi artikolu. Il-fatt li l-persuna li timpjega tista' tibqa' indefinittivament suġġetta għal kundizzjonijiet ta' xogħol mhux miftiehma minnha, fil-kuntest ta' trasferiment ta' impriża, jikseb in-natura ta' restrizzjoni għal-libertà ta' kuntratt, inkwantu wieħed mill-aspetti li jagħmlu parti mil-libertà tal-impriża bħal ma jfakkru l-ispjegazzjonijiet fl-Artikolu 16 tal-Karta.

55. Madankollu, fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, is-sempliċi ssuġġettar għall-kundizzjonijiet stabbiliti fin-NJC ma jfissirx li l-libertà ta' impriża tiġi leża awtomatikament. Għall-kuntrarju, għandhom jiġu osservati ċ-ċirkustanzi leġiżlattivi u fattwali tal-kawża sabiex jiġi stabbilit jekk l-ordinament ġuridiku Britanniku jmurx kontra dak stipulat fl-Artikolu 16 tal-Karta. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tieħu funzjoni ta' rilevanza speċjali, peress li hija tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex twettaq din l-evalwazzjoni, f'dak li jikkonċerna d-dritt industrijali Britanniku. Fil-kuntest ta' din l-analiżi, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa, speċjalment, jekk l-issuġġettar għall-kundizzjonijiet miftiehma fi ħdan in-NJC huwiex inkondizzjonali u irriversibbli. Skont il-livell ta' konnessjoni mat-termini msemmija f'dan l-organu, huwa ċar li dan ivarja l-effett tad-dritt fundamentali.

56. F'dan is-sens, il-partijiet fil-kawża prinċipali rreferew għall-karatteristiċi bażiċi tas-sistema Britannika ta' negozjar kollettiv, li hija kkaratterizzata mill-flessibbiltà tagħha. Kif intwera, il-ftehim kollettivi Britanniċi ma jsirux fuq il-bażi ġuridika tal-liġi, iżda f'kull kuntratt ta' xogħol, bħala espressjoni tal-awtonomija tal-volontà u tal-libertà kuntrattwali tal-impjegat u tal-persuna li timpjega. Għaldaqstant, u bla ħsara għall-fatt li l-qorti tar-rinviju twettaq l-evalwazzjonijet rielvanti sabiex tikkonferma dan, l-indikazzjonijiet huma li l-klawżoli dinamiċi ta' riferiment, minkejja li huma suġġetti għal trasferiment, jistgħu jiġu nnegozjati mill-ġdid jew jiġu emendati miż-żewġ partijiet fi kwalunkwe mument sakemm il-kuntratt ta' xogħol jibqa' validu. Fi kliem ieħor, id-dritt Britanniku ma jidhirx li jipprekludi li Parkwood u l-ħaddiema tal-impriża jaslu sabiex jinnegozjaw u jaqblu li jannullaw, jemendaw jew iżommu l-imsemmija klawżola.

57. Jekk dan kien il-każ, l-oġġezzjonijiet li jqajjem l-ordinament Britanniku mill-perspettiva tal-Artikolu 16 tal-Karta ġew iċċarati. Madankollu, din hija kwistjoni li teħtieġ analiżi tad-dritt nazzjonali li ma għandhiex titwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda mill-qorti nazzjonali.

29 — Sentenza tal-24 ta' Novembru 2011, Scarlet Extended (C-70/10, Ġabra p. I-11959, punt 50), tas-16 ta' Frar 2012, SABAM (C-306/10, punt 48).

30 — Sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Deutsches Weintor (C-544/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 55).

31 — Sentenzi msemmija fil-kawżi Scarlet, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50, u SABAM, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48.

58. Għaldaqstant, u fid-dawl tal-argumenti hawn fuq esposti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tielet domanda preliminari fis-sens li d-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-persuna li lilha jsir it-trasferiment ta' impriża li taċċetta t-termini preżenti u futuri miftiehma f'organu ta' negozjar kollettiv, dejjem jekk dan l-obbligu ma jkollux natura inkondizzjonali u irreversibbli. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dan il-każ u skont l-ordinament ġuridiku nazzjonali, dan l-obbligu għandux effettivament natura inkondizzjonali u irreversibbli.

## VI – Konklużjoni

59. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mis-Supreme Court:

"1) L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23, tat-12 ta' Marzo 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li bħala prinċipju ma jipprekludix lil-Istati Membri milli jikkunsidraw il-possibbiltà li l-klawżoli dinamiċi li jirreferu għall-ftehim kollettivi preżenti u futuri, liberament miftiehma mill-partijiet fil-kuntratt ta' xogħol, jiġu ttrasferiti bħala konsegwenza ta' trasferiment ta' impriżi.

2) Id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Eweopea, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-persuna li lilha jsir it-trasferiment ta' impriża li taċċetta t-termini preżenti u futuri miftiehma f'organu ta' negozjar kollettiv, dejjem jekk dan l-obbligu ma jkollux natura inkondizzjonali u irreversibbli. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dan il-każ u skont l-ordinament ġuridiku nazzjonali, dan l-obbligu għandux effettivament natura inkondizzjonali u irreversibbli."